MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 658/2013

**Charichelon Company Limited**
**C14614**

**vs**

**Camilleri Jessica**
**ID0378005-(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont globali ta' elf, wiehed u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€1,061.84c), liema ammont huwa dovut mill-intimata b'konsegwenza tal-ghazla unilaterali taghha illi tittermina l-impieg taghha mas-socjeta' rikorrenti permezz ta' ittra datata sebgha u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (27.08-2013), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.A', u dan bi ksur tal-kuntratt ta' impieg definit konkluz bejn il-partijiet nhar it-tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (30.01-2010), l-obbligi reciproci ta' liema

dahlu fis-sehh fl-ewwel ta’ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (01.02-2010) (‘Dok.B’), u dan ghall-perjodu ta’ erba’-(4) snin minn din id-data, liema rizenja giet accettata mis-socjeta’ rikorrenti b’effett immedjat izda b’rizerva ghad-drittijiet kompetenti lilha skond il-Ligi (‘Dok.C’).

Illi, minkejja illi interpellata sabiex thallas l-ammont hawn fuq indikat, l-intimata baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi addottata l-procedura odjerna.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekoribbli sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat fl-intier tieghu kontra l-intimata illi hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta’ attrici m’ghandha l-ebda dritt li titlob hlas minghand il-konvenuta fic-cirkostanzi tal-kaz. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar 2014, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici jigi sostitwit bl-ammont ta’ elf, erba’ mija tmienja u hamsin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,458.56c); ra illi l-konvenuta ma opponietx ghal din it-talba, u ra d-digriet tieghu mghoti *seduta stante* li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnu.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi permezz ta’ kuntratt datat 30 ta’ Jannar 2010 (Dok.‘X3’) gie ffirmat bejn il-partijiet kontendenti kuntratt ta’ impieg ghal perjodu definit, li permezz tieghu l-konvenuta giet impjegata mas-socjeta’ attrici ghal perjodu ta’ erba’-(4) snin b’effett mill-1 ta’ Frar 2010, u dan skond it-termini u kundizzjonijiet riportati fl-istess kuntratt. Illi sussegwentement, u aktar precizament fis-27 ta’ Awissu 2013, permezz ta’ *e-mail* li ggib l-istess data (Dok.‘X5’), il-konvenuta gharrfet lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici illi minhabba ragunijiet personali, hi xtaqet tittermina l-impieg taghha minn mas-socjeta’ attrici, u dan b’effett mit-28 ta’ Settembru 2013. Illi in segwitu ghal din l-email, is-

socjeta' attrici rceviet ukoll ittra, datata 27 ta' Awissu 2013 (Dok.'X6'), li in forza taghha, l-istess konvenuta ddikjarat mill-gdid l-intenzjoni taghha li tieqaf mill-impieg taghha, u li ghalhekk kienet qed taghti d-debita *notice of termination*, u li ghalhekk l-ahhar gurnata ta' impieg taghha kienet ser tkun it-28 ta' Settembru 2013. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara li hu ghamel kuntatt telefonikament mal-konvenuta, sabiex jigbed l-attenzjoni taghha lejn il-fatt illi kien jonqos biss ftit xhur sa tmiem il-perjodu ta' impieg taghha, u gharrafha wkoll illi kemm-il darba tinsisti li jigi terminat l-impieg taghha qabel eghluq l-erba'-(4) snin, allura kien ser ikollha thallas lis-socjeta' attrici bilanc, ossia nofs, dawk il-hlasijiet tal-paga li kienet tkun intitolata ghalihom sa tmiem il-kuntratt. Illi f'dan ir-rigward, is-socjeta' attrici anke bghatet ittra lill-konvenuta, datata 30 ta' Awissu 2013 (Dok.'X7'), li permezz taghha gharrfet lill-konvenuta li qed taccetta r-rizenja taghha, u talbet ukoll il-hlas tas-somma ta' elf, wiehed u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€1,061.84c) dovuti ai termini tal-istess kuntratt ta' impieg. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici pprezenta wkoll rendikont tal-ammont dovut lis-socjeta' attrici, minn fejn jirrizulta l-ammont ta' elf, erba' mija tmienja u hamsin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,458.56c), u cioe' l-kalkoli li saru in rigward l-ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici konsegwenti ghar-rizenja taghha mill-impieg (Dok.'X8').

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici qed tibbaza din l-azzjoni fuq il-provvedimenti tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u aktar specifikament Artikolu 36(12) tal-istess, kif ukoll Artikolu 34(12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu kif gej: "*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem.*"

Illi l-konvenuta, da parti taghha, tramite tas-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur taghha, tikkontendi illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut ghaliex l-istess konvenuta irrizenjat mill-impieg taghha, u mhux abbandunat l-impieg; illi ghalhekk hi tat preavviz adegwat lill-principal taghha – u cioe' lis-socjeta' attrici – li allura kellha l-possibilita' u l-liberta' illi tghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex timpjega persuna ohra sabiex tissostitwiha. Illi l-konvenuta ssostni illi l-fatt illi s-socjeta' attrici accettat ir-rizenja taghha, u anke accettat in-*notice period* li nhadem mill-konvenuta, allura tali cirkostanzi

wasslu sabiex ma kienx hemm abbandun tal-impieg, izda terminazzjoni tal-impieg tal-konvenuta bil-kunsens u approvazzjoni tas-socjeta’ attrici; illi jsegwi ghalhekk illi d-disposizzjoni tal-Ligi hawn fuq indikata m’hix applikabbli ghall-kaz in ezami, ghaliex in vista tal-fatt illi s-socjeta’ attrici accettat ir-rizenja tal-konvenuta, allura ma kienx hemm ksur tal-obbligi kontrattwali assunti mill-konvenuta in forza tal-kuntratt ta’ impieg relattiv. Illi permezz tal-istess sottomissjonijiet, ir-rapprezentant tal-konvenuta gibed distinzjoni bejn abbandun mill-impieg, fejn allura jkun hemm irresponsabilita’ fl-agir tal-impjegat, filwaqt illi f’kaz ta’ rizenja – bhal ma gara f’dan il-kaz – jkun hemm preavviz mghoti mill-impjegat lill-principal, li jkollu l-opportunita’ illi jsib sostitut. Illi ghalhekk f’cirkostanzi ta’ rizenja, m’ghandhomx jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fil-provvediment tal-ligi li in bazi tieghu giet proposta din l-azzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta’ din l-azzjoni s-socjeta’ attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta’ nofs il-paga bazika li l-istess konvenuta kienet tkun intitolata ghaliha kemm-il darba kompliet fl-impieg taghha sa tmien il-perjodu tal-kuntratt ta’ impieg, li kellu jiskadi fil-31 ta’ Jannar 2014. Illi permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Awissu 2013, il-konvenuta gharrfet lis-socjeta’ attrici li kienet qed tirrizenja mill-impieg taghha u dan b’effett mit-28 ta’ Settembru 2014. Illi ghalhekk kien fadal mija hamsa u ghoxrin-(125) gurnata sa tmiem il-perjodu ta’ impieg, u s-socjeta’ attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta’ ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga bazika taghha ghall-perjodu msemmi. Illi s-socjeta’ attrici accettat ir-rizenja tal-konvenuta mill-impieg taghha, u l-istess konvenuta hadmet in-*notice period* relattiv li, ai termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 36(5) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, kien ta’ erba-(4) gimghat.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi gialadarba s-socjeta’ attrici accettat ir-rizenja taghha, allura ma kienx hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ impieg, u li ghalhekk m’ghandhomx jigu applikati fil-konfront taghha s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi. Illi l-istess konvenuta tikkontendi illi hemm differenza bejn rizenja u abbandun mill-impieg, ghaliex fil-kaz ta’ rizenja jinghata preavviz, u partikolarment fil-kaz odjern, tali rizenja giet accettata mis-socjeta’ attrici. Illi jidher li l-konvenuta qed tghamel enfasi fuq id-differenza li tghaddi bejn “rizenja” u abbandun” in bazi ta’ dak li hemm riportat fit-test Ingliz tal-ligi applikabbli ghall-kaz odjern, u cioe’ illi Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi

testwalment kif gej: "*An employee who abandons*[1] *the service of his employer before the time definitely specified by the contract of service shall pay to his employer a sum equal to one-half of the full wages to which he would have become entitled if he had continued in the service for the remainder of the time so specifically agreed upon:"*. Illi ghalkemm fit-test Ingliz hemm l-uzu tal-kellma "*abandon"*, madanakollu, it-test Malti juza l-kelma "*jitlaq*", li hija aktar generika u tinkludi kemm cirkostanzi fejn wiehed jirrizenja mill-impieg u anke f'kaz ta' abbandun ta' impieg. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-konvenuta li ghandu jkun hemm distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn impjegat jirrizenja mill-impieg, jew jabbanduna l-impieg, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-ligi stess – permezz ta' Artikolu 36(14) – tipprovdi ghal deroga minn din ir-regola, u dan in kwantu jipprovdi kif gej: "*Hemm x'hemm fid-disposizjonijiet ta' hawn qabel f'dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed*[2] *biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz:"*

Illi fil-kaz odjern, ir-raguni li giet indikata mill-konvenuta fl-e-mail u fl-ittra ta' rizenja kienet "*personal reasons*" minghajr ma gie spjegat x'kienu dawn ir-ragunijiet, salv illi l-konvenuta kienet ser titlaq minn dawn il-Gzejjer. Illi dwar kienx hemm urgenza, o meno, li jsir dan, ma tressqet ebda prova u l-konvenuta ma hassitx il-htiega li tissostanzja l-allegazzjoni taghha. Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet **Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck** deciza fit-23 ta' Novembru 2005: " *... din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f'dan il-kaz, il-konvenut-impjegat.*" Illi ghalhekk kien jispetta lill-istess konvenuta illi tressaq provi sabiex tfiehem il-htiega u l-urgenza li kellha sabiex titlaq minn dawn il-Gzejjer, u konsegwentement li tinhall minn dan il-ftehim; izda ma tressqu ebda provi in rigward. Illi jsegwi ghalhekk illi ma rrizultawx l-elementi rikjesti *ex lege* sabiex tapplika din id-deroga fil-konfront tal-konvenuta in rigward ir-rizenja taghha mill-impieg mas-socjeta' attrici.

Illi dwar it-tezi tal-konvenuta illi t-tmiem tal-impieg taghha sar bil-kunsens tas-socjeta' attrici ghaliex din accettat ir-rizenja taghha – u dan kif jirrizulta mill-ittra mibghuta mis-socjeta' attrici datata 30 ta' Awissu 2013 – u li ghalhekk ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront

[1] Sottolinear tal-esponenti
[2] Sottolinear tal-esponenti

taghha s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi, jehtieg illi jigi puntwalizzat illi permezz tal-istess ittra, is-socjeta' attrici filwaqt illi nformat lill-konvenuta li qed taccetta r-rizenja taghha, ghaddiet sabiex minnufih talbet il-hlas tas-somma dovuta mill-konvenuta in linea mat-termini tal-kuntratt ta' impieg u b'applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-ligi relattiva. Illi ghalhekk meta l-konvenuta ddikjarat illi kien hemm accettazzjoni mis-socjeta' attrici tar-rizenja tal-konvenuta mill-impieg taghha, dan ma kienx minghajr il-konsegwenzi li ggib maghha tali decizjoni, tant illi s-socjeta' attrici gharrfet lill-konvenuta tliet-(3) ijiem biss wara li l-istess konvenuta bghatet l-ittra ta' rizenja taghha, illi kienet ser tinsisti fuq l-applikabilita' tas-sanzjoni kontemplata fil-ligi ghal cirkostanzi fejn impjegat jitlaq mill-impieg qabel iz-zmien stabbilit bi qbil bejniethom. Illi ghalhekk, il-konvenuta giet mgharrfa fi stadju bikri, wara li gharrfet lis-socjeta' attrici bid-decizjoni taghha li tieqaf mill-impieg, li s-socjeta' attrici kienet qed titlob il-hlas ghall-perjodu rimanenti, u dan ai termini tal-ligi, ghalhekk l-istess konvenuta kellha kull opportunita' sabiex possibilment terga' tikkonsidra d-decizjoni taghha, jew anke tikkontesta t-talba tas-socjeta' attrici kif rizultanti minn din l-istess ittra.

Illi ghalhekk, u tenut kont tal-fatt illi l-konvenuta – ben konsapevoli tal-intenzjoni tas-socjeta' attrici li titlob u tottjeni hlas minghandha ta' nofs il-paga bazika li kienet tkun intitolata ghaliha l-konvenuta kemm-il darba kompliet fl-impieg taghha mas-socjeta' attrici ghall-perjodu rimanenti ai termini tal-kuntratt ta' impieg – ghazlet li tipprocedi bid-decizjoni taghha li tieqaf mill-impieg taghha qabel l-eghluq taz-zmien stabbilit, u dan minghajr ma tat raguni tajba u bizzejjed[3] ghal tali decizjoni; illi ghalhekk necessarjament isegwi illi ghandha trodd lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub minnha u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-Ligi citat aktar 'l fuq. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata, u timmerita illi tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf,

[3] Illi dwar dan il-kriterju tar-"raguni tajba u bizzejjed" ikun opportun illi ssir referenza mill-gdid ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li nghatat fil-kawza fl-ismijiet **Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck (2379/2003PS)** u li giet deciza fit-23 ta' Novembru 2005, fejn gie dikjarat kif gej: "*Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu li l-koncett tar-"raguni tajba u bizzejjed", mhux definit mil-ligi, hu ravvizat f'dawk il-fatti u mgieba tali li jgibu t-tnaqqis ta' dik il-fiducja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport principal – impjegat. Oltre l-inadempjenza kontrattwali* per se*, fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azzjenda jew stabbiliment, u mhux l-anqas il-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita' taghhom, kompriz kull aspett iehor korrelat li jista' jincidi negattivament fuq ir-rapport; …*".

erba’ mija tmienja u hamsin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,458.56c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------